

Brussell, 4 ta' Novembru 2019  
(OR. en)

12086/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2019/0158 (NLE)**

---

**ACP 101**  
**COASI 123**  
**WTO 227**  
**RELEX 822**

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emendar tal-Annessi II u VIII għall-Protokoll II tal-Ftehim

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea  
fi ħdan il-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija  
bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda,  
u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra,  
fir-rigward tal-emendar tal-Annessi II u VIII  
għall-Protokoll II tal-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra<sup>1</sup>, ('il- Ftehim'), iffirmat fit-30 ta' Lulju 2019, stabbilixxa qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika. Il-Ftehim ġie applikat b'mod proviżorju mill-Istat Indipendenti ta' Papua New Guinea, ir-Repubblika ta' Fiġi u l-Istat Indipendenti ta' Samoa mill-20 ta' Diċembru 2009, mit-28 ta' Lulju 2014 u mill-31 ta' Diċembru 2018, rispettivament.
- (2) L-Anness II għall-Protokoll II tal-Ftehim huwa bbażat fuq il-verżjoni tal-2007 tan-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata (SA), annessa mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata ta' Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni tal-Merkanzija tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO). Mill-1 ta' Jannar 2007, saru numru ta' tibdiliet fin-Nomenklatura tas-SA. Huwa meħtieġ li jittieħed kont ta' dawk il-bidliet u li l-Anness II jiġi allinjat mal-verżjoni tal-2017 tan-Nomenklatura tas-SA. Madanakollu, jenħtieġ li jinżamm l-istatus quo fir-rigward tar-regoli ta' oriġini peress li l-bidliet magħmula fin-Nomenklatura tas-SA mhux maħsuba li jaffettwaw ir-regola ta' oriġini applikabbli għal xi prodott partikolari.

---

<sup>1</sup> ĠU L 272, 16.10.2009, p. 2.

- (3) L-Anness VIII għall-Protokoll II tal-Ftehim jelenka l-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej (PTEE) tal-Unjoni. Wara l-bidla fl-istatus ta' Bermuda<sup>1</sup>, Mayotte<sup>2</sup> u Saint-Barthélemy<sup>3</sup>, u d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE<sup>4</sup> dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea, il-lista ta' PTEE jeħtieġ li tiġi allinjata mal-Anness II tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) sabiex jitqiesu dawk il-bidliet reċenti.
- (4) Jenħtieġ għalhekk li l-Annessi II u VIII għall-Protokoll II tal-Ftehim jiġu emendati sabiex jiġu allinjati mal-verżjoni 2017 tan-Nomenklatura tas-SA u l-lista tal-OCTs fl-Anness II tat-TFUE, rispettivament.
- (5) Skont l-Artikolu 41 tal-Protokoll II tal-Ftehim, il-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim ('Kumitat tal-Kummerċ') jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll.
- (6) Jenħtieġ li l-Unjoni tiddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed fil-Kumitat tal-Kummerċ fir-rigward ta' tali emendi,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> L-Anness II tat-TFUE (ĠU C326, 26.10.2012, p. 336).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2012/419/UE tal-11 ta' Lulju 2012 li temenda l-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 204, 31.7.2012, p. 131).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2010/718/UE tad-29 ta' Ottubru 2010 li timmodifika l-istatus tal-gżira ta' Saint-Barthélemy fir-rigward tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 325, 9.12.2010, p. 4).

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea (id-“Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni Extra-Ewropea”) ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emendar tal-Annessi II u VIII għall-Protokoll II tal-Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ anness ma' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI Nru .../2019**

**TAL-KUMITAT TAL-KUMMERĊ**

**STABBILIT SKONT IL-FTEHIM INTERIM TA' SĦUBIJA  
BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA, MINN NAĦA WAĦDA,  
U L-ISTATI TAL-PAĊIFIKU, MIN-NAĦA L-OĦRA,**

**ta'...**

**li temenda l-Annessi II u VIII għall-Protokoll II tal-Ftehim**

IL-KUMITAT TAL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interim ta' Shubijabejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra<sup>1</sup> ('il-Ftehim'), iffirmit f'Londra fit-30 ta' Lulju 2009, u b'mod partikolari l-Artikolu 68(3) u l-Artikolu 78, flimkien mal-Artikolu 41 tal-Protokoll II tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠUUE L 272, 16.10.2009, p. 2.

Billi:

- (1) Il-Ftehim ġie applikat proviżorjament mill-Istat Indipendenti ta' Papua New Guinea, ir-Repubblika tal- Fiġi u l-Istat Indipendenti ta' Samoa mill-20 ta' Diċembru 2009, mit-28 ta' Lulju 2014 u mill-31 ta' Diċembru 2018 rispettivament.
- (2) L-Anness II għall-Protokoll II tal-Ftehim huwa bbażat fuq il-verżjoni tal-2007 tan-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata (SA) annessa għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO). Id-WCO ħarġet nomenklatura SA ġdida fl-2017, effettiva mill-1 ta' Jannar 2017. Huwa meħtieġ li jiġi aġġornat l-Anness II għall-Protokoll II tal-Ftehim biex jiġi allinjat mal- verżjoni tal-2017 tan-Nomenklatura SA. Madanakollu, l-istatus quo dwar ir-regoli tal-orijini jenħtieġ li jinżamm minħabba li l-bidliet li jsiru lin-Nomenklatura tas-SA mhumie x maħsuba li jaffettwaw ir-regola tal-orijini applikabbli għal prodott partikolari.
- (3) L-Anness VIII għall-Protokoll II tal-Ftehim jelenka l-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej (OCTs) tal-Unjoni Ewropea. L-istatus ta' wħud mit-territorji nbidel reċentement: Saint Barthélemy (FR) u Bermuda (ir-Renju Unit) saru PTEE assoċjati mal-Unjoni fl-1 ta' Jannar 2012 u fl-1 ta' Jannar 2014 rispettivament, u Mayotte (FR) saret Reġjun Ultraperiferiku (OR) tal-Unjoni fl-1 ta' Jannar 2014. Huwa meħtieġ li tiġi aġġornata l-lista tal-OCTs fl-Anness VIII għall-Protokoll II tal-Ftehim sabiex il-lista tiġi allinjata mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Anness II għall-Protokoll II tal-Ftehim huwa sostitwit bl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.
- (2) l-Anness VIII għall-Protokoll II tal-Ftehim huwa sostitwit bl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi ...

Magħmul fi ...,

*Għall-Kumitat tal-Kummerċ*

*F'isem l-Unjoni*

*F'isem l-Istati tal-Paċifiku*

---

## ANNEX I

### “ANNEX II għall-Protokoll II

#### LISTA TAX-XOGĦOL JEW IL-PROĊESSI MEĦTIEĠA LI JSIRU FUQ MATERJALI LI MA JORIĠINAWX SABIEX IL-PRODOTT MANIFATTURAT IKUN JISTA' JIKSEB L-ISTATUS TA' ORIĠINI

Jista' jkun li l-prodotti msemmija f'din il-lista ma jkunux kollha koperti b'dan il-Ftehim. Għaldaqstant jeħtieġ jiġu kkonsultati l-Partijiet l-oħra għal dan il-Ftehim.

| Intestatura ta' HS Nru | Deskrizzjoni tal-prodott                                                       | Ħidma jew ipproċessar li saru fuq materjali mhux oriġinarji u li jikkonferixxu l-istatus oriġinarju |     |
|------------------------|--------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|
| (1)                    | (2)                                                                            | (3)                                                                                                 | (4) |
| Kapitolu 01            | Annimali ħajjin                                                                | L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 użati għandhom ikunu miksuba interament                            |     |
| Kapitolu 02            | Laħam u ġewwieni li jittiekel.                                                 | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 1 u 2 użati għandhom ikunu miksuba interament     |     |
| ex Kapitolu 03         | Ħut u krustaċji, molluski u annimali invertebrati akkwatiċi oħrajn għajr għal: | Il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 jridu jinkisbu interament                                  |     |

| Intestatura ta' HS Nru | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  | Ħidma jew ipproċessar li saru fuq materjali mhux oriġinarji u li jikkonferixxu l-istatus oriġinarju                        |     |
|------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|
| (1)                    | (2)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | (3) jew                                                                                                                    | (4) |
| 0304                   | qatgħat ta' ħut u laħam ieħor tal-ħut (kapuljat jew mhuwiex), frisk, imkessaħ jew friżat.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 | Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha fil-Kapitolu 3 ma jkunx aktar minn 15 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |     |
| 0305                   | ħut, imnixxef, immellaħ jew fis-salmura; ħut affumikat, imsajjar jew mhux qabel jew waqt il-proċess ta' affumikar Dqiq, pasti u gerbub ta' ħut, tajbin għal konsum uman                                                                                                                                                                                                                                   | Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha fil-Kapitolu 3 ma jkunx aktar minn 15 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |     |
| ex 0306                | krustaċji, kemm jekk fil-qoxra jew le, imnixxfen, immellħin jew f' salmura; krustaċji affumikati, kemm jekk fil-qoxra jew le, kemm jekk imsajrin qabel jew matul il-proċess ta' affumikazzjoni; krustaċji, fil-qoxra, imsajrin bil-fwar jew bit-togħlija fl-ilma, kemm jekk imkessħin, iffriżati, xotti, immellħin, jew fis-salmura jew le; dqiq, pasti u gerbub tal-krustaċji, tajbin għall-konsum uman; | Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha fil-Kapitolu 3 ma jkunx aktar minn 15 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |     |

| Intestatura ta' HS Nru | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                                                                                                                                                                                    | Ħidma jew ipproċessar li saru fuq materjali mhux oriġinarji u li jikkonferixxu l-istatus oriġinarju                                 |         |
|------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
| (1)                    | (2)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         | (3)                                                                                                                                 | jew (4) |
| ex 0307                | Molluski, kemm jekk fil-qoxra jew le, imnixxin, immellħin jew fis-salmura; molluski affumikati, fil-qoxra jew le, imsajrin jew mhux qabel jew waqt il-proċess ta' affumikar dqiq, pastu u gerbub ta' molluski, tajbin għal konsum uman                                                                                      | Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha fil-Kapitolu 3 ma jkunx aktar minn 15 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika          |         |
| ex 0308                | Invertebrati akkwatiċi minbarra krustaċji u molluski, xotti, immellħin jew fis-salmura; invertebrati akkwatiċi affumikati minbarra krustaċji u molluski, imsajrin jew mhux qabel jew waqt il-proċess ta' affumikar dqiq, pastu u gerbub tal-invertebrati akkwatiċi għajr il-krustaċji u molluski, tajbin għall-konsum uman. | Manifattura li fiha l-valur ta' kwalunkwe materjal ta' Kapitolu 3 użat ma jkunx aktar minn 15 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |         |
| ex Kapitolu 04         | Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali; Prodotti tajbin għall-ikel li ġejjin mill-annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra għajr għal:                                                                                                                                                            | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati għandhom ikunu miksuba interament                                         |         |

| Intestatura ta' HS Nru | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                                                                                                                       | Ħidma jew ipproċessar li saru fuq materjali mhux oriġinarji u li jikkonferixxu l-istatus oriġinarju                                                                                                                                                                                                                                                                            |         |
|------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
| (1)                    | (2)                                                                                                                                                                                                                                                            | (3)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            | jew (4) |
| 0403                   | Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn fermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk konċentrati kif ukoll le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw | Manifattura fejn:<br>- il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati għandhom jinkisbu interament;<br>- kwalunkwe tip ta' meraq tal-frott (għajr dak tal-ananas, tal-lajm jew tal-grejpfrut) tal-intestatura 2009 li jintuża għandu jkun diġà oriġinarju;<br>- il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użati ma jkunx aktar minn 30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika; |         |
| ex Kapitolu 05         | Prodotti ġejjin mill-annimali li mhumie x speċifikati jew inklużi band'oħra għajr għal:                                                                                                                                                                        | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 5 użati għandhom ikunu miksuba interament                                                                                                                                                                                                                                                                                    |         |
| ex 0502                | Lanżit u xagħar tal-ħnieżer, majjali tas-simna (hogs) jew ċingjali                                                                                                                                                                                             | Tindif, diżinfettar, issortjar u llixxjar ta' lanżit u xagħar                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |         |

| Intestatura ta' HS Nru | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                          | Ħidma jew ipproċessar li saru fuq materjali mhux oriġinarji u li jikkonferixxu l-istatus oriġinarju                                                                                                                |         |
|------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
| (1)                    | (2)                                                                                               | (3)                                                                                                                                                                                                                | jew (4) |
| Kapitolu 06            | Siġar ħajjin u pjanti oħra; basal, għeruq u affarijiet simili fjuri maqtugħin u weraq ornamental. | Manifattura fejn:<br>- il-materjali kollha ta' Kapitolu 6 użati għandhom ikunu miksuba interament;<br>- il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx 50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika                    |         |
| Kapitolu 07            | Ħaxix li jista' jittiekel u ċerti għeruq u tubers.                                                | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 7 użati għandhom jinkisbu interament;                                                                                                                            |         |
| Kapitolu 08            | Frott u karawett li jittiekel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ,                         | Manifattura fejn:<br>- il-frott u l-ġewż kollu użat għandu jinkiseb interament;<br>- il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użati ma jkunx aktar minn 30 % tal-valur tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |         |

| Intestatura ta' HS Nru | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                       | Ħidma jew ipproċessar li saru fuq materjali mhux oriġinarji u li jikkonferixxu l-istatus oriġinarju                                          |         |
|------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
| (1)                    | (2)                                                                                                                            | (3)                                                                                                                                          | jew (4) |
| ex Kapitolu 09         | Kafè, te, matè u ħwawar għajr għal:                                                                                            | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 9 użati għandhom ikunu miksuba interament                                                  |         |
| 0901                   | Kafè inkaljat jew le, jew mingħajr kafeina jew le; hliefja u qxur tal-kafè; Sostituti tal-kafè li fihom kafè f'kull proporzjon | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura.                                                                                        |         |
| 0902                   | Te, kemm jekk imħawwar jew le:                                                                                                 | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura.                                                                                        |         |
| ex 0910                | Taħlitiet ta' ħwawar                                                                                                           | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura.                                                                                        |         |
| Kapitolu 10            | Ċereali                                                                                                                        | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 10 użati għandhom ikunu miksuba interament                                                 |         |
| ex Kapitolu 11         | Prodotti tal-industrija tad-dqiq; xgħir; lamti; inulina; glutina tal-qamħ; għajr għal:                                         | Manifattura fejn iċ-ċereali, il-veġetali li jittieklu, l-għeruq u t-tuberi tal-intestatura 0714 jew il-frott użati jridu jinkisbu interament |         |

| Intestatura ta' HS Nru | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                                                                                                  | Ħidma jew ipproċessar li saru fuq materjali mhux oriġinarji u li jikkonferixxu l-istatus oriġinarju |         |
|------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
| (1)                    | (2)                                                                                                                                                                                                                                       | (3)                                                                                                 | jew (4) |
| ex 1106                | Dqiq, pasta u trab tal-veġetali leguminużi mnixxfi tal-intestatura 0713                                                                                                                                                                   | Tnixxif jew tħin ta' veġetali leguminużi tal-intestatura 0708                                       |         |
| Ex Kapitolu 12         | Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef                                                                                                                             | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 12 użati għandhom ikunu miksuba interament        |         |
| Ex 1211                | Pjanti u partijiet ta' pjanti (inklużi żerriegħa u frott), ta' tip użat<br>l-aktar fil-fwejjaħ, fil-farmaċija jew għal insettiċidi, funguċidi jew<br>użu simili, imkessħa jew iffriżati, kemm jekk maqtugħa, imfarrka jew mitħuna jew le: |                                                                                                     |         |

| Intestatura ta' HS Nru                 | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                    | Ħidma jew ipproċessar li saru fuq materjali mhux oriġinarji u li jikkonferixxu l-istatus oriġinarju                                                                                                                                     |         |
|----------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
| (1)                                    | (2)                                                                                         | (3)                                                                                                                                                                                                                                     | jew (4) |
| ex 121120                              | - Għeruq ta' ġinseng                                                                        | Manifattura fejn:<br>- il-materjali kollha użati huma kklassifikati f'intestatura oħra għajr dik tal-prodott;<br>- il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użati ma jkunx aktar minn 30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika; |         |
| ex 121130,<br>ex 121140 u<br>ex 121150 | - Powli, tiben tal-peprina u ephedra                                                        | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 14 użati għandhom jinkisbu interament;                                                                                                                                                |         |
| ex 121190                              | Prodotti veġetali li mhumiex speċifikati jew inklużi band' oħra, minbarra inforri tal-qoton | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 14 użati għandhom jinkisbu interament;                                                                                                                                                |         |
|                                        | – Lewż, mingħajr zokkor jew spirtu miżjud                                                   | Manifattura fejn il-valur tal-lewż u ż-żejt taż-żeżriegħa oriġinarji tal-intestaturi 0801, 0802 u 1202 sa 1207 użati jkun aktar minn 60 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika                                                           |         |

| Intestatura ta' HS Nru | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                        | Ħidma jew ipproċessar li saru fuq materjali mhux oriġinarji u li jikkonferixxu l-istatus oriġinarju                                                                                                                                     |     |
|------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|
| (1)                    | (2)                                                                                                                             | (3) jew                                                                                                                                                                                                                                 | (4) |
|                        | – Butir tal-karawett; taħlitiet ibbażati fuq ċereali; qlub tal-palm; qamħirrun                                                  | Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma kklassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott.                                                                                                                                      |     |
|                        | – Oħrajn għajr għal frott u ġewż imsajrin mod ieħor barra fuq il-fwar jew mgħollijin fl-ilma, mingħajr zokkor miżjud, iffriżati | Manifattura fejn:<br>- il-materjali kollha użati huma kklassifikati f'intestatura oħra għajr dik tal-prodott;<br>- il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użati ma jkunx aktar minn 30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika; |     |
| 1301                   | Gommalakka; gomom naturali, rażi, rażi tal-gomma u oleoreżini (pereżempju, balzmi)                                              | Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-intestatura 1301 użati ma jistgħux ikunu aktar minn 50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika                                                                                      |     |

| Intestatura ta' HS Nru | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                              | Ħidma jew ipproċessar li saru fuq materjali mhux oriġinarji u li jikkonferixxu l-istatus oriġinarju               |         |
|------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
| (1)                    | (2)                                                                                                                                                                   | (3)                                                                                                               | jew (4) |
| 1302                   | Linef u estratti veġetali; sustanzi tal-pektin, pektinati u pektati; agar-agar u muċilaġni u materjali li jħaxxnu, modifikati jew le, derivati minn prodotti veġetali |                                                                                                                   |         |
|                        | - Muċilaġnijiet u sustanzi li jħaxxnu, modifikati, derivati minn prodotti veġetali                                                                                    | Manifattura minn muċilaġni u sustanzi li jgħaqqdu mhux modifikati                                                 |         |
|                        | - oħrajn                                                                                                                                                              | Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jkunx aktar minn 50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |         |
| Kapitolu 14            | Materjali għall-immaljar tal-ħaxix; Prodotti veġetali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra                                                                    | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 14 użati għandhom ikunu miksuba interament                      |         |
| ex Kapitolu 15         | Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew veġetali u l-prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet li jittiekl preparati; xema' tal-annimali jew veġetali; ġhajr għal:              | Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma kklassifikati f'intestatura ġhajr dik tal-prodott.                |         |

| Intestatura ta' HS Nru | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                    | Ħidma jew ipproċessar li saru fuq materjali mhux oriġinarji u li jikkonferixxu l-istatus oriġinarju                                                            |         |
|------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
| (1)                    | (2)                                                                                         | (3)                                                                                                                                                            | jew (4) |
| 1501                   | Grass tal-majjal (inkluż ix-xaħam) u grass tat-tjur, ħlief dak ta' titlu Nru 0209 jew 1503: |                                                                                                                                                                |         |
|                        | - Grass minn għadam jew skart                                                               | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura għajr tal-intestaturi 0203, 0206 jew 0207 jew għadam tal-intestatura 0506                                 |         |
|                        | - oħrajn                                                                                    | Manifattura minn laħam jew ġewwieni li jittiekel tal-ħnieżer tal-intestatura 0203 jew 0206 jew ta' laħam u ġewwieni li jittiekel tat-tjur tal-intestatura 0207 |         |
| 1502                   | Xaħam ta' annimali tal-ifrat, nagħaġ u mogħoż, ħlief dawk ta' titlu Nru 1503:               |                                                                                                                                                                |         |
|                        | - Grass minn għadam jew skart                                                               | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura għajr dawk tal-intestaturi 0201, 0202, 0204 jew 0206 jew għadam tal-intestatura 0506                      |         |
|                        | - oħrajn                                                                                    | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 użati għandhom ikunu miksuba interament                                                                    |         |

| Intestatura ta' HS Nru | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                       | Ħidma jew ipproċessar li saru fuq materjali mhux oriġinarji u li jikkonferixxu l-istatus oriġinarju |         |
|------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
| (1)                    | (2)                                                                                                                            | (3)                                                                                                 | jew (4) |
| 1504                   | Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew mammiferi tal-baħar, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament |                                                                                                     |         |
|                        | - Frazzjonijiet solidi                                                                                                         | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inkluż materjali oħra tal-intestatura 1504.   |         |
|                        | - oħrajn                                                                                                                       | Manifattura fejn il-materjali kollha ta' Kapitoli 2 u 3 użati għandhom ikunu kollha miksuba         |         |
| ex 1505                | Lanolina raffinata                                                                                                             | Manifattura minn xaħam tas-suf mhux raffinat ta' titlu Nru 1505                                     |         |
| 1506                   | Grass u żjut oħrajn u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament:                    |                                                                                                     |         |

| Intestatura ta' HS Nru | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                                                                                                                                                                       | Ħidma jew ipproċessar li saru fuq materjali mhux oriġinarji u li jikkonferixxu l-istatus oriġinarju      |     |
|------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|
| (1)                    | (2)                                                                                                                                                                                                                                                                                                            | (3) jew                                                                                                  | (4) |
|                        | - Frazzjonijiet solidi                                                                                                                                                                                                                                                                                         | Il-manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura inkluż materjali oħra ta' l-intestatura Nru 1506 |     |
|                        | - oħrajn                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 użati għandhom ikunu miksuba interament              |     |
| 1507 sa 1515           | Żjut veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom:                                                                                                                                                                                                                                                                       |                                                                                                          |     |
|                        | - Żjut tas-sojja, tal-lewż mitħun, tal-palm, tal-kopra, tal-lewż tal-palm, tal-babassu, żejt tat-tung u tal-ojtiċika, xama' tar-rihana u xama' tal-Ġappun, frazzjonijiet taż-żejt tal-ġoġoba u żjut għal użijiet tekniċi u industrijali minbarra l-manifattura ta' prodotti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem | Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma kklassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott.       |     |
|                        | - Frazzjonijiet solidi, għajr dawk taż-żejt tal-ġoġoba                                                                                                                                                                                                                                                         | Manifattura minn materjali oħra tal-intestaturi minn Nru 1507 sa 1515                                    |     |
|                        | - oħrajn                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | Manifattura fejn il-materjali veġetali użati għandhom jinkisbu interament                                |     |

| Intestatura ta' HS Nru | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                                                                                                                                               | Ħidma jew ipproċessar li saru fuq materjali mhux oriġinarji u li jikkonferixxu l-istatus oriġinarju                                                                                                                                             |         |
|------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
| (1)                    | (2)                                                                                                                                                                                                                                                                                    | (3)                                                                                                                                                                                                                                             | jew (4) |
| 1516                   | Xaħmijiet u żjut tal-annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew kompletament idroġenati, intersterifikati, riesterifikati jew elajdinizzati, raffinati jew le, iżda mhux preparati aktar                                                                                      | Manifattura fejn:<br>- il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 użati jridu jinkisbu interament;<br>- il-materjali veġetali użati għandhom jinkisbu interament. Madankollu, jistgħu jintużaw il-materjali tal-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513     |         |
| 1517                   | Marġerina; Taħlitiet tajbin għall-ikel jew prepazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut tal-annimali jew veġetali jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut differenti ta' dan il-Kapitolu, għajr ix-xaħmijiet u ż-żjut tajbin għall-ikel jew il-frazzjonijiet tagħhom tal-intestatura 1516 | Manifattura fejn:<br>- il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 u 4 użati jridu jinkisbu interament;<br>- il-materjali veġetali użati għandhom jinkisbu interament. Madankollu, jistgħu jintużaw il-materjali tal-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513 |         |

| Intestatura ta' HS Nru | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                                  | Ħidma jew ipproċessar li saru fuq materjali mhux oriġinarji u li jikkonferixxu l-istatus oriġinarju                         |         |
|------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
| (1)                    | (2)                                                                                                                                                                       | (3)                                                                                                                         | jew (4) |
| ex Kapitolu 16         | Preparazzjonijiet ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn għajr għal:                                                            | Manifattura minn annimali tal-Kapitolu 1                                                                                    |         |
| 1604 u 1605            | Ħut ippreparat jew ippreżervat; kavjar u sostituti tal-kavjar imħejjija minn bajd tal-ħut; Krustaċej, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn, preparati jew preservati: | Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha fil-Kapitolu 3 ma jkunx aktar minn 15 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika  |         |
| ex Kapitolu 17         | Zokkor u ħelu taz-zokkor; għajr għal:                                                                                                                                     | Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma kklassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott.                          |         |
| ex 1701                | Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u sakkarożju kimikament pur, f'forma solida, mingħajr żieda ta' sustanzi aromatizzanti jew koloranti                                | Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha fil-Kapitolu 17 ma jkunx aktar minn 30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |         |

| Intestatura ta' HS Nru | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                                                                                          | Ħidma jew ipproċessar li saru fuq materjali mhux oriġinarji u li jikkonferixxu l-istatus oriġinarju                         |     |
|------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|
